**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 114/2017 CFF**

**Luke Jaccarini**

**Vs**

**Mapfre Middlesea plc**

**Illum 28 ta' Novembru, 2017**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** tal-attur. fejn talab sabiex is-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lir-rikorrent bhala l-assikurat taghhom is-somma ta' disat elef Ewro (€9,000) jew somma ohra verjuri, dovuta minnhom bhala l-assikuraturi tieghu ai termini tal-polza t'assikurazzjoni minnhom mahruga favur ir-rikorrent bin-numru 9003 P21182581 u ghalhekk sabiex jonoraw l-obbligi taghhom ai termini tal-istess polza u tal-claim bin-numru C21-093639 relattiva ghall-incident awtomobilistiku li sehh nhar it-tlieta (3) ta' April, 2016 bejn ir-rikorrent bhala sid u sewwieq tal-vettura tal-marka Toyota Vitz numru ta' registrazzjoni LCX-565 u Noel Zammit (I.D. 427569M) bhala sid u sewwieq tal-vettura tal-marka Land Rover bin-numru ta' registrazzjoni EAM 959 liema somma huma naqsu milli jhallsu lir-rikorrent nonostante li gew interpellati diversi drabi, nkluz b'ittra ufficjali datata 28 ta' Dicembru, 2016.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' intimata li hi minni ssa ngunta in subizzjoni.

Rat li s-socjeta' konvenuta giet notifikata fl-10 ta' Mejju, 2017 pero' la dehret u lanqasipprezentat risposta fis-seduta tal-31 t'Ottubru, 2017.

Rat li fl-istess seduta, l-attur ipprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tas-socjeta' konvenuta.

Rat li fis-seduta sussegwenti tal-14 ta' Novembru, 2017, is-socjeta' konvenuta msejha tlett darbiet regghet naqset li tidher, u ghalhekk il-kapitolu tal-attur ghandu jitqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tal-attur u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' disat elef Ewro (€9,000) bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-kawza sal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**